*fil-preżenza ta'*: Spetsializirana prokuratura

**Dispożittiv**

L-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li qorti nazzjonali li tkun ressqet talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE tissospendi l-proċedura fil-kawża prinċipali biss fir-rigward tal-aspetti tagħha li jistgħu jiġu affettwati mir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal din it-talba.

---

([1]) ĠU C 191, 10.5.2022

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-17 ta' Mejju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal da Relação de Lisboa – il-Portugall) – Fonds de Garantie des Victimes des Actes de Terrorisme et d'Autres Infractions (FGTI) vs Victoria Seguros S.A.**

**(Kawża C-264/22 ([1]), Fonds de Garantie des Victimes des Actes de Terrorisme et d'Autres Infractions)**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali – Regolament (KE) Nru 864/2007 – Artikolu 4(1) – Artikolu 15(h) – Artikolu 19 – Inċident ikkawżat minn dgħajsa fi Stat Membru – Kumpens għall-vittma ta' dan l-inċident – Surroga skont id-dritt ta' Stat Membru ieħor – Talba għal rimbors mit-terz issurrogat – Liġi applikabbli – Preskrizzjoni)***

(2023/C 235/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal da Relação de Lisboa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Fonds de Garantie des Victimes des Actes de Terrorisme et d'Autres Infractions (FGTI)

*Konvenut:* Victoria Seguros S.A.

**Dispożittiv**

L-Artikolu 4(1), l-Artikolu 15(h), u l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II"),

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

il-liġi li tirregola l-azzjoni tat-terz issurrogat fid-drittijiet ta' persuna leża kontra l-awtur ta' dannu u tiddetermina, b'mod partikolari, ir-regoli ta' preskrizzjoni ta' din l-azzjoni hija, bħala prinċipju, dik tal-pajjiż fejn iseħħ dan id-dannu.

---

([1]) ĠU C 284, 25.7.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Mejju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – il-Belġju) – IT vs État belge**

**(Kawża C-365/22 ([1]), État belge (VAT – Vetturi mibjugħa għall-partijiet))**

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Skema tal-marġni ta' profitt – Artikolu 311 – Kunċett ta' "oġġetti użati" – Vetturi ma jaħdmux mibjugħa għall-partijiet)***

(2023/C 235/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation